**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 176/15 RM**

**Meli Bugeja Trading Limited (C24808)**

**-vs-**

**Cleaven-Ray Mizzi u b'digriet moghti fil-verbal tas-27 ta' Jannar 2016, gie kjamat in kawza Chris Grima**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta` attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef sitt mija u wiehed u disghin Ewro u erba' centezmi (€3,691.04) rapprezentanti prezz ta' "Pellet Stove" u l-accessorji relattivi mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mill-kumpanija attrici, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] tal-konvenut Cleaven-Ray Mizzi, ipprezentata fis-7 ta' Ottubru, 2015 fejn eccepixxa:-

1. *"Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici kienet inkarigata milli tipprovdi "Pellet Stove" u l-accessorji relattivi izda wkoll li taghmel ix-xoghlijiet sabiex tali "Pellet Stove" jitlesta w ikun funzjonanti;*

2. *Illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprovdi l-"Pellet Stove" u accessorji kollha miftehma kif ukoll naqset milli tikkompleta x-xoghlijiet kollha skond is-sengha w l-arti tant illi l-esponent sofra danni fil-proprjeta' tieghu ikkagunati minn xoghol hazin u traskurat;*

3. *Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wiehed ezagerat u eccessiv.*

4. *Illi ghalhekk il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ukoll il-kontro-talba ta' Cleaven-Ray Mizzi[2] pprezentata kontestwalment mar-Risposta tieghu fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` Meli Bugeja Trading Limited thallsu s-somma komplessiva ta' erbat elef, mitejn u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€4,252.54), rapprezentanti xoghlijiet ta' riparazzjoni li jridu jsiru fil-fond 51, Anello D'Oro, Triq il-Gardell, Mosta u dan stante li x-xoghlijiet miftehma bejn il-partijiet ma gewx kompletati kif ukoll minhabba xoghlijiet hziena li ma sarux skond is-sengha u l-

[1] Fol. 6
[2] Fol. 7

arti u minhabba danni kkagunati matul ix-xoghlijiet minn haddiema ta' Meli Bugeja Trading Limited jew persuni nkarigati mill-istess socjeta' attrici, liema danni u hsarat gew ikkagunati matul it-tqeghid u l-installazzjoni ta' "Pellet Stove" u l-accessorji u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat li fid-9 ta' Ottubru, 2016 is-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited ipprezentat Risposta[3] ghat-talba rikonvenzjonali ta' Cleaven-Ray Mizzi, fejn eccepiet:-

"*Illi t-talba rikonvenzjonali ta' Cleaven Ray Mizzi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghal diversi ragunijiet validi skond il-ligi, inkluz, izda mhux limitatament, stante li ebda flus ma huma dovuti lill-imsemmi Cleaven Ray Mizzi wisq anqas bhala kumpens ghal xi allegati riparazzjonijiet li kellu jaghmel Cleaven Ray Mizzi u/jew minhabba xoghol mhux kompletat u/jew b'rizultat ta' xoghlijiet mhux skond is-sengha u l-arti u/jew bhala danni. Jigi rilevat illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti kienet limitata biss ghal fornitura ta' "Pellet Stove", liema fornitura giet maghmula fil-komplet u l-kumpanija esponenti u/jew l-impjegati taghha ma kellhom ebda inkarigu u wisq anqas involviment fl-installar tal-imsemmija "Pellet Stove". Ghal kompletezza jigi rilevat illi l-kumpanija esponenti anqas inkarigat lil xi terzi sabiex jaghmlu l-installazzjoni tal-"Pellet Stove". Kull relazzjoni kummercjali li setghet ezistiet dwar l-installazzjoni tal-"Pellet Stove" kienet wahda diretta bejn Cleaven Ray Mizzi u t-terzi li nstallaw l-istess "Pellet Stove" u f'liema relazzjoni kummercjali Meli Bugeja Trading Limited ma kellha ebda involviment.*

*B'rizerva u minghajr pregudizzju ghal kull risposta ulterjuri permessa bil-Ligi."*

---

[3] Fol. 8

Rat illi permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Jannar 2016 fuq talba tal-konvenut Cleaven Ray Mizzi[4], gie kjamat fil-kawza Chris Grima;

Rat ir-Risposta[5] tal-kjamat fil-kawza Chris Grimaipprezentata fit-13 ta' April, 2016 fejn eccepixxa:-

*"(i) Illi t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li l-esponent ma jahtix ghall-hsarat li allegatament sehhew;*

*(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ir-rikorrenti sofra xi danni, liema danni jridu jigu pruvati, dawn saru tort unikament tas-socjeta' attrici li ssupplixxiet lill-esponent b'ghodda li rrizultaw difettuzi, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*(iii) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, id-danni pretizi mir-rikorrent huma ezagerati u ghandha ssir prova taghhom;*

*(iv) Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*"

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokument kollha prodotti in atti;

---

[4] Fol. 18.
[5] Fol. 34.

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti. Il-konvenut Mizzi xtara minghand is-socjeta` attrici pellet stove u xi accessorji ghall-prezz ta' €3,691.04. Dan il-prezz baqa' ma thallasx ghalkemm dan l-istove gie konsenjat fil-fond tal-konvenut. Jirrizulta wkoll illi waqt l-istallazzjoni tal-istove gew ikkagunati hsarat f'xi madum u f'xambrella tal-injam fil-fond tal-konvenut, u l-konvenut jinsisti li ghandu jigi kkumpensat ghal dawn id-danni.

Is-socjeta` attrici titlob il-hlas tal-prezz ta' €3,691.04, liema prezz hija ssostni li tirrapprezenta l-prezz tal-mudell ta' l-istove li ghazel il-konvenut, inkluz *pellets* u *pipes* ghall-istess *stove*, izda ma jinkludix l-ispejjez tal-istallazzjoni ghaliex dan is-servizz gie kkommissjonat mill-konvenut minghand terzi. Ix-xhieda mressqin mis-socjeta` attrici fir-rigward xehdu illi ghalkemm il-kumpannija tipprovdi servizz ta' istallazzjoni u ghalkemm inizzjalment, il-ftehim mal-konvenut kien illi l-istove kellu jigi istallat mis-socjeta` attrici, sussegwentement irrizulta li l-konvenut ghazel mudell differenti u metodu ta' istallazzjoni differenti li kienet sejra tinvolvi xoghol li s-socjeta` attrici ma setghetx twettaq skont l-esigenzi tal-konvenut u konsegwentement, il-ftehim dwar l-istallazzjoni ma baqax jghodd. Is-socjeta` attrici ssostni li giet mitluba mill-konvenut biex tirrakkomanda persuna li setghet taghmel istallazzjoni kif xtaq hu. Tghid ukoll li l-konvenut qatt ma lmenta li l-istove ma kienx

jiffunzjona tajjeb jew li kien ordna stove differenti minn dak li effettivament gie konsenjat lilu, u l-ilment tieghu dwar l-istove kien jikkoncerna unikament xi hsarat li allegatament saru waqt l-istallazjoni, fosthom xi hsarat fil-madum tar-residenza tieghu.

Da parti tieghu, il-konvenut jikkontendi illi s-socjeta` attrici ma kkonsenjatx il-pellet stove u l-accessorji kollha skont il-ftehim bejn il-partijiet, ghaliex il-prezz mitlub m'huwiex il-prezz li gie maqbul ghall-mudell li huwa ghazel. Isostni li l-prezz miftiehem kellu jkun ferm inqas, oltre illi kellu jinkludi wkoll il-konsenja u l-istallazzjoni tal-istove, liema stove huwa jghid li xtrah komplut b'kollox u funzjonanti.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghas-servizz tal-istallazzjoni tal-istove, mill-provi jirrizulta illi effettivament dan is-servizz ma giex provdut mis-socjeta` attrici u l-istallazzjoni saret mill-kjamat fil-kawza Chris Grima. Il-kjamat fil-kawza xehed huwa stess u b'mod inekwivoku, illi ghalkemm kienet is-socjeta` attrici li introducietu mal-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol ta' istallazzjoni tal-istove li xtara l-konvenut, huwa gie inkarigat direttament mill-konvenut u mhux mis-socjeta` attrici, biex jaghmel l-istallazzjoni. Kemm hu hekk, il-kjamat fil-kawza fisser li hu ftiehem direttament mal-konvenut dwar il-hlas tax-xoghol li kellu jwettaq izda minkejja li l-istallazzjoni saret, il-konvenut baqa' ma hallsux.

Minn dan isegwi illi kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenut, is-socjeta` attrici ma kienetx inkarigata bl-istallazzjoni tal-istove u l-prezz tal-istove ma kellux jinkludi wkoll l-ispejjez tal-istallazzjoni. Effettivament, jirrizulta li l-ispejjez tal-istallazzjoni ma jifformawx parti mill-fattura mahruga lill-konvenut ghall-bejgh tal-istove[6].

[6] Fol. 13.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut li biha jikkontendi illi s-socjeta` attrici ma fornietx l-istove u accessorji li gew miftiehma, mill-fattura tal-5 ta' Jannar 2015 jirrizulta illi l-istove li gie konsenjat lill-konvenut huwa tal-mudell "Snellina" u l-prezz tieghu huwa ta' €2,500 eskluz taxxa (jew €2,950 b'kollox). Il-konvenut isostni izda, illi l-prezz finali kellu jkun ta' €2,650 inkluz it-taxxa u istallazzjoni[7], ghaliex il-mudell li gie konsenjat lilu huwa l-mudell "Snella", li huwa ftit inferjuri ghall-mudell "Snellina". In sostenn ta' din l-allegazzjoni, il-konvenut esebixxa skambju ta' korrispondenza elettronika bejnu u bejn Joe Diacono[8], l-impjegat tas-socjeta` attrici li kien innegozja direttament mal-konvenut dwar il-bejgh u fornitura tal-istove.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi mkien f'din il-korrispondenza ma sar accenn ghall-isem tal-mudell "Snella" jew "Snellina" izda r-referenza hija ghall-mudell "R 70". Huwa minnu illi l-prezz tal-istove kif kwotat f'dan l-iskambju ta' korrispondenza huwa ferm inqas minn dak li effettivament qed jintalab mis-socjeta` attrici fil-fattura tal-5 ta' Jannar 2015[9] u f'din il-kawza. Izda, il-Qorti tqis illi ma giex muri b'mod sodisfacjenti illi l-mudell "R 70" huwa effettivament l-istess mudell "Snellina" li hija indikata fil-fattura. Anzi, dan huwa eskluz mill-provi meta fix-xhieda tieghu, Joe Diacono fisser illi l-prezz ta' €1,600 kwotat fl-iskambju ta' *e-mails* Dok. X[10], liema prezz kellu jinkludi l-ispejjez tal-istallazzjoni, huwa l-prezz:-

"*... for The R seventy. R seventy ma kienx il-furnace li ha Cleaven ... R seventy huwa wiehed mill-furnaces l-irhas li ghandna u kont ghidtlu ... Fuq l-R seventy emm iva l-installation intihielek free.*"[11]

---

[7] Kif rajna, l-istallazzjoni ma saritx mis-socjeta` attrici u ma ntlabet ebda hlas ghall-ispejjez tal-istallazzjoni.
[8] Dok. X, fol. 46 *et seq*.
[9] Fol. 13.
[10] Fol. 46 *et seq*.
[11] Xhieda tat-18 ta' Gunju 2019.

Ix-xhud spjega wkoll illi mal-istove li eventwalment xtara l-konvenut, is-socjeta` attrici ma ghamlitx l-istess offerta cioe` li s-servizz tal-istallazzjoni isir b'xejn, izda l-ftehim kien illi l-istallazzjoni ssir "*at a cost, in our good time. Mhux mil-lum ghall-ghada kif ried hu*." Fil-fatt, jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet irrifjutat illi tipprovdi s-servizz ta' istallazzjoni hija stess, proprju ghaliex il-konvenut, oltre li biddel is-sistema ta' istallazzjoni tal-pipes, ried illi l-istallazzjoni tal-istove issir minnufih.

Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-konvenut isostni li huwa ftiehem mas-socjeta` attrici illi l-prezz tal-istove li kellu jigi konsenjat lilu, kien ta' €2,650 inkluz taxxa u inkluz ukoll il-prezz tal-katusi u istallazzjoni fis-somma ta' €350, huwa ma ressaqx prova konvincenti dwar dan l-allegat ftehim. F'kull kaz, din l-allegazzjoni m'hijiex sostanzjata mill-iskambju ta' korrispondenza esebit mill-konvenut innifsu, ghaliex il-prezz tal-mudell li jissemma fl-iskambju tal-emails esebit in atti, gie indikat bhala €1,600 (ghall-mudell R 70). Dan il-prezz effettivament huwa ferm inqas mill-prezz li l-konvenut jikkontendi li kien miftiehem ghall-istove wahdu, ghaliex jekk wiehed kellu jimxi skont il-kalkoli tal-konvenut, jirrizulta illi l-prezz tal-istove li kellu jigi konsenjat, kellu jkun ta' €2,300 bit-taxxa inkluza[12] u mhux €1,600.

B'zieda ma' dan il-Qorti kienet tistenna illi jekk verament il-mudell ikkonsenjat lill-konvenut ma kienx dak li gie miftiehem li kellu jigi konsenjat lilu, il-konvenut kien jirrifjuta l-konsenja jew talanqas jgharraf lis-socjeta` attrici bl-izball fil-mudell. Izda ma jirrizultax illi l-konvenut qatt ilmenta dwar dan mas-socjeta` attrici, la meta saret il-konsenja[13] u lanqas sussegwentement, u dan kif ikkonferma wkoll Michael Meli Bugeja fix-xhieda tieghu. Lanqas ix-xhud tal-konvenut, Pierre Pulis li kien prezenti mal-konvenut meta saru n-negozjati dwar ix-xiri tal-istove kif ukoll waqt l-istallazzjoni tal-istove, ghamel xi accenn fix-

[12] Jew €1,940 minghajr taxxa.
[13] Ara wkoll xhieda ta' Pierre Pulis, 21 ta' Gunju 2017.

xhieda tieghu ghal xi lment dwar il-konsenja ta' stove differenti minn dak li xtara l-konvenut.

**Kwantu ghall-prezz ta' €598 ghall-konsenja tal-katusi ghall-istove**, kif mitlub fil-fattura, il-konvenut jikkontendi illi skont il-korrispondenza skambjata mas-socjeta` attrici, il-prezz tal-pipes (inkluz istallazzjoni) gie indikat bhala €350 u konsegwentement ma ghandux ihallas il-prezz mitlub fil-fattura.

Izda l-Qorti tqis illi dan m'huwiex korrett. Mill-provi jirrizulta illi l-lok u l-metodu ta' istallazzjoni tal-istove u l-katusi ma kienux dawk li kienu gew originarjament rakkomandati mis-socjeta` attrici[14], bil-konsegwenza illi s-socjeta` attrici ma pprovdietx dan is-servizz, anke ghaliex il-konvenut ried li l-istallazzjoni ssir minnufih. Effettivament, mix-xhieda[15] jirrizulta illi minn istallazzjoni semplici bil-katusa tohrog direttament minn wara l-istove ghal barra, l-istallazzjoni li eventwalment ghazel il-konvenut kienet tinvolvi l-qsim tas-saqaf biex jghaddu l-katusi tal-istove ghal fuq il-bejt. Il-konvenut ma jichadx illi l-katusi ma gewx istallati biex jaghtu hrug direttament mill-istove ghal barra u fi kwalunkwe kaz, il-fatt illi l-konsenja tal-katusi saret proprju biex dawn jghaddu mis-soqfa, jirrizulta car mir-ritratti formanti parti mir-rapport tal-Perit Mark Arrigo[16].

Mill-korrispondenza esebita jirrizulta illi l-prezz tal-katusi kellu jvarja skont liema wahda minn dawn iz-zewg sistemi ta' istallazzjoni tintghazel, tant illi huwa indikat illi ghal hrug dirett minn wara l-istove, il-prezz tal-katusi kellu jkun ta' €350, fil-waqt illi ghal hrug fuq il-bejt, il-prezz kellu jizdied ghal €650. Il-prezz mitlub fil-fattura ghall-katusi (pipes) huwa ta' €598 eskluz taxxa, jew

*[14] Ara xhieda ta' Joe Diacono, 27 ta' Jannar 2016. Mhux kontradett mill-konvenut.
[15] Xhieda ta' Michael Meli Bugeja, 8 ta' Novembru 2018, u Joe Diacono, 27 ta' Jannar 2016.
[16] Fol. 64 u 65.

ta' €705.64 inkluz taxxa, liema prezz jikkombaccja tajjeb ma' dak li gie kwotat mis-socjeta` attrici fil-korrispondenza esebita mill-konvenut innifsu[17].

**Dwar l-accessorji** konsistenti fil-pellets ghall-istove, il-konvenut jafferma huwa stess illi effettivament gew ikkonsenjati lilu hames xkejjer ta' pellets skont kif indikat fil-fattura. Il-konvenut jaqbel illi l-hlas mitlub huwa dovut[18].

Ghall-kompletezza jigi osservat ukoll illi ghalkemm il-konvenut jeccepixxi illi s-socjeta` attrici kellha wkoll tqis illi l-istove lilu konsenjat, jitlesta u jkun funzjonanti, ma tressqet l-ebda prova kwalsiasi illi l-istove ma jiffunzjonax jew ma jiffunzjonax tajjeb, u l-konvenut fix-xhieda tieghu mkien ma lmenta dwar il-mod kif jiffunzjona dan l-istove.

Minn dan kollu, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-prezz ta' €3,691.04 mitlub mis-socjeta` attrici kwantu ghall-bejgh ta' stove "Snellina", pellets u katusi, huwa dovut mill-konvenut u konsegwentement, l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, kif ukoll l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni kif diretta fil-konfront tas-socjeta` attrici, mhux tajbin u ser jigu respinti.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jeccepixxi ulterjorment illi x-xoghol ta' istallazzjoni tal-istove sar hazin u b'mod traskurat u mhux skont is-sengha u l-arti, bir-rizultat illi huwa sofra hsara fil-proprjeta` tieghu. Huwa jitlob il-hlas tad-danni minnu sofferti permezz ta' talba rikonvenzjonali li, wara li gie msejjah fil-kawza Chris Grima, ghandha titqies li hija diretta wkoll fil-konfront tal-istess kjamat fil-kawza.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-provi jirrizulta illi l-kjamat fil-kawza mhuwiex impjegat tas-socjeta` attrici, izda jahdem maghha fuq bazi ta' *sub-*

[17] Ara fol. 47 u 48.
[18] €30 pju` VAT.

*contracting.* Jirrizulta wkoll illi fil-kaz in dizamina, ghad fuq rakkomandazzjoni tas-socjeta` attrici, il-kjamat fil-kawza kien inkarigat direttament mill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol ta' istallazzjoni tal-istove. Kemm hu hekk, kif diga` stabbilit, in-negozjati dwar l-installazzjoni kif ukoll dwar il-hlas ghal dan is-servizz[19], saru direttament bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza minghajr ebda intervent tas-socjeta` attrici, hlief kwantu ghad-data tal-konsenja tal-istove fil-fond tal-konvenut u l-konferma li din kienet tiffunzjona tajjeb wara l-istallazzjoni.

**Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li l-ezistenza ta' relazzjoni kontrattwali dwar l-istallazzjoni tal-istove hija ppruvata biss bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza**. Konsegwentement l-ebda pretensjoni tal-konvenut naxxenti minn dik ir-relazzjoni ma tista' treggi fil-konfront tas-socjeta` attrici galadarba huwa ppruvat illi kienet ghal kollox estranea ghal dan ir-rapport kontrattwali partikolari. Dan ifisser ukoll illi l-pretensjoni tal-konvenut ghad-danni ma jistax ikollha success kwantu hija diretta fil-konfront tas-socjeta` attrici u jekk jirrizulta li l-konvenut soffra d-danni bhala rizultat tal-istallazzjoni hazina tal-istove, huwa l-kjamat fil-kawza li ghandu jwiegeb ghal dawn id-danni.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jeccepixxi illi x-xoghol ta' istallazzjoni tal-istove ma sarx skont is-sengha u l-arti u bhala rizultat ta' dan ix-xoghol difettuz, huwa soffra d-danni. Fit-talba rikonvenzjonali tieghu, il-konvenut jitlob il-hlas tas-somma ta' €4,252.54 rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet ta' riparazzjoni li jehtiegu jsiru, fost ohrajn, ghat-tiswija tal-hsara kkagunata fil-fond tieghu minhabba l-istallazzjoni hazina tal-istove. Kif stabbilit, l-allegazzjoni tal-konvenut illi x-

[19] Il-kjamat fil-kawza jsostni illi l-konvenut baqa' qatt ma hallsu tax-xoghol ta' istallazzjoni tal-istove.

xogholijiet miftiehma bejn il-partijiet ma gewx kompletati, baqghet ma gietx ippruvata.

Fix-xhieda tieghu, il-kjamat fil-kawza jistqarr illi waqt li kien qed jinstalla l-i*stove,* waqaghlu l-iskalpell u dan laqat ix-xambrella tal-injam bil-konsegwenza li dan ghamel marka fuq ix-xambrella. Xehed ukoll li waqt ix-xoghol, huwa barax maduma tal-art tal-fond tal-konvenut, peress illi kien l-jigger li kienet ipprovdietlu s-socjeta` attrici, wehel waqt li kien qed jaqta' bih.

Il-Qorti tosserva illi inizzjalment, anke kif jirrizulta mir-Risposta tieghu, il-pozizzjoni tal-kjamat fil-kawza kienet li l-hsara li giet ikkagunata waqt l-istallazzjoni saret minhabba li l-ghodda li gew provduti lilu mis-socjeta` attrici kienu difettuzi. Izda apparti l-fatt illi ma jirrizultax mill-provi illi l-ghodda kienu effettivament difettuzi, wisq inqas li l-ghodda li bihom giet ikkagunata l-hsara kienu lkoll jappartjenu lis-socjeta` attrici, jidher li sussegwentement, il-kjamat fil-kawza abbanduna din il-linja difensjonali originali tieghu, meta xehed illi l-hsara saret accidentalment. **Mix-xhieda tieghu stess jirrizulta illi huwa jaccetta r-responsabbilita` ghall-hsara li saret fil-madum tal-konvenut u fix-xambrella tal-bieb**.

Dan qed jinghad ghaliex il-kjamat fil-kawza xehed minn jeddu u minghajr ebda tlaqliq illi kwantu ghall-hsarat fil-madum, huwa kien dispost illi jikkumpensa lill-konvenut sal-valur ta' mija u hamsin Euro (€150) u rnexxielu jsib madum gdid mill-istess konsenja. Madanakollu, jghid ukoll li ghalkemm hu kien xtara kwantita` minn dan il-madum u ddepozitah mas-socjeta` attrici biex dan jingabar mill-konvenut, dan il-madum baqa' ghandha is-socjeta` attrici. Imbaghad, kwantu ghall-hsara fix-xambrella tal-bieb, huwa xehed li offra li jiehu hsieb iqabbad persuna ohra sabiex isewwi l-grif fix-xambrella, izda l-konvenut ma accettax din l-offerta.

Rigward il-madum, il-konvenut isostni li huwa ma accettax li l-kjamat fil-kawza ibiddillu l-madum danneggjat, ghaliex il-kulur tas-samples tal-madum li urieh ma kienx jaqbel mal-kulur tal-madum li hemm istallat fil-fond tieghu. Il-konvenut jghid illi galadarba ma nstabx madum tal-istess kulur biex jirrimpjazza l-madum li fih il-hsara, huwa jippretendi illi jinbidlu mhux biss il-ftit madumiet li effettivament fihom il-hsara, izda l-madum kollu fl-ewwel sular fejn effettivament jinsabu l-madumiet imhassrin, u dan sabiex il-madum tas-sular ikun kollu tal-istess kulur.

Mir-rapport u mix-xhieda tal-Perit Mark Arrigo, inkarigat mill-konvenut, jirrizulta illi l-madum li effettivament garrab il-hsara b'daqqiet fil-wicc, jinsab koncentrat madwar il-katusa tal-istove f'*radius* ta' cirku metru u nofs, izda l-istima li huwa ghamel fis-somma ta' €3,503.85 (minghajr VAT) tirrapprezenta l-ispejjez mehtiega *inter alia* ghat-tnehhija, fornitura u tqeghid ta' madum ta' arja superficjali ta' 65 metri kwadri u skirting relattiv. Il-Perit Arrigo, fid-depozizzjoni tieghu, fisser illi l-istima saret abbazi ta' arja superficjali ta' 65 metri kwadri ta' madum, proprju ghaliex kien gie infurmat mill-klijent tieghu illi peress li ma jinbieghx iktar madum identiku ghal dak li ghandu fil-fond tieghu, irid li jigi rimpjazzat il-madum tas-sular intier inkluz l-iskirting kollu. **Izda fl-istess waqt, ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-hsara principali, liema hsara tikkonsisti f'daqqiet zghar superficjali, tinsab fuq erba' jew hames madumiet, kif del resto gie affermat ukoll mill-konvenut innifsu**[20]. Zied jghid li jkun bizzejjed jekk jigu rimpjazzati dawn il-madumiet biss, anke ghaliex il-madumiet li fihom il-hsara jistghu jigu rimpjazzati wahedhom minghajr il-htiega illi tinqala' l-art kollha tal-landing in kwistjoni, u f'tali kaz, l-ispiza ma tiskorrix is-somma ta' tliet mitt Euro (€300)[21].

Huwa inkontestat mill-konvenut illi l-kjamat fil-kawza ghamel diversi tentattivi sabiex isib madum li jaqbel ezatt fil-kulur mal-madum iddanneggjat u li kien

[20] Ara kontro-ezami tal-konvenut, fol. 80.
[21] Xhieda tas-27 ta' Settembru 2017.

urih samples ta' madum minghand diversi suppliers. Dawn ma gewx accettati mill-konvenut. Jidher, izda, li eventwalment il-kjamat fil-kawza xtara xi madum u ddepozitah mas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut jigbru minn hemmhekk. Madanakollu, ghalkemm ma jirrizultax jekk il-konvenut kienx effettivament mar jara dan il-madum, dak li hu zgur huwa li dan il-madum baqa' qatt ma gabru minghand is-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Mill-assjem tal-provi, kif ukoll mir-ritratti formanti parti mir-rapport tal-Perit Mark Arrigo, il-Qorti hija sodisfatta illi l-hsara li garrab il-madum waqt l-istallazzjoni tal-*flue* tal-istove, hija minima u superficjali, konsistenti f'daqqiet ossia *chippings* zghar. Madanakollu, filwaqt li mill-provi[22] jirrizulta illi m'hemmx iktar minn hames madumiet li fihom dawn id-daqqiet zghar, hija sodisfatta illi r-rimedju opportun ghandu jikkonsisti fir-rimpjazzament tal-madumiet individwali li gew milqutin.

Fl-istess waqt, ma jirrizultax mill-provi li l-madum in kwistjoni huwa xi madum specjali u l-Qorti hija tal-fehma li dan huwa madum komuni ta' qies regolari (60cm x 60cm) u tat-tip *gres*, li mill-provi jirrizulta li jinxtara ghal prezz medju ta' €18 kull metru kwadru. Mir-ritratti esebiti, il-kulur ukoll jidher li huwa wiehed komuni kif ukoll uniformi.

Fil-kwadru ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi filwaqt li jirrizulta li l-kjamat fil-kawza ghamel hiltu kollu biex isewwi l-hsara li kkaguna fil-fond tal-konvenut, inkluz billi jfittex madum ta' kulur accettabbli ghall-konvenut, ftit li xejn kien hemm ko-operazzjoni mill-konvenut biex jimmitiga d-danni minnu sofferti. Kemm hu hekk, ma jirrizultax li l-konvenut ha l-interess imqar li jivverifika jekk il-madum depozitat ghand is-socjeta` attrici kienx jaqbel mal-

[22] Xhieda tal-Perit Arrigo u ritratti a fol. 64 u 65.

madum tal-fond tieghu. Effettivament, il-konvenut, anke rinfaccjat bix-xhieda ta' Michael Meli Bugeja u tal-kjamat fil-kawza nnifsu, imkien waqt ix-xhieda tieghu ma qal li huwa ma kienx infurmat dwar il-madum depozitat mas-socjeta` attrici jew li mar jara dan il-madum izda ma kienx jaqbel.

Il-Qorti, f dan l-isfond hija tal-fehma illi l-konvenut bhala d-danneggjat f'dan il-kaz, kellu l-obbligu li jaghmel dak li ragjonevolment kien mehtieg biex jimminimizza d-danni li llum qed jirreklama minghand il-kjamat fil-kawza.

Fir-rigward tal-obbligu tad-dannggejat li jimminimizza d-danni, huma applikabbli s-segwenti principji esposti fis-sentenza fl-ismijiet **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri**, fejn gie osservat hekk:-

"*Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b'mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero` dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara [Vol.XXXVIII.I.249].*

Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-*Halsbury* citat mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fis-sentenza fl-ismijiet **John Xuereb v. James Edward Livick et**[23]:-

"*It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and **he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect**, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Imbaghad:-

[23] Deciza 3 ta' Novembru 1956.

*"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"*[24]

In propositu ukoll, il-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, id-danneggjat ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx ikkagunata l-hsara[25].

Ikkunsidrat;

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti tqis illi l-konvenut falla fl-obbligu tieghu li jimminizza d-danni u dan meta ma ressaqx prova konvincenti – liema prova kienet mehtiega fic-cirkostanzi - illi ma hemmx alternattiva ohra hlief illi jirrimpjazza l-madum kollu tal-area fejn jinsabu mqieghda l-madumiet iddanneggjati. Fil-fehma tal-Qorti, kien ragjonevolment mistenni illi l-konvenut jressaq prova tajba li l-madum in kwistjoni - li wara kollox jirrizulta li huwa madum ordinarju u komuni - ma ghadux jinbiegh fl-istess kulur jew ma ghadux jigi manifatturat jew li jkollu jidhol fi spejjez ulterjuri biex jakkwista madum identiku. Din il-konkluzjoni hija rinforzata ulterjorment bin-nuqqas tal-konvenut illi jikkuntrasta x-xhieda tal-kjamat fil-kawza[26] illi l-madum li gie finalment akkwistat u depozitat mas-socjeta` attrici kien tal-istess konsenja bhall-madum tal-fond tieghu. Kif diga` gie osservat, il-konvenut naqas milli addirittura juri l-interess biex jivverifika jekk wara kollox, dan il-madum kienx accettabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax taccetta li hija gustifikata l-pretensjoni tal-konvenut illi ghandha tigi rimpjazzata area superficjali ta' 65 metri kwadri ta' madum, cioe` l-*landing* shih, minflok dawk il-madumiet individwali li gew attwalment iddanneggjati. Is-somma komplessiva ta' €3,903.85 (minghajr

[24] Appell Civili: **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri**, deciza fl-24 ta' Jannar 1969.
[25] Appell Civili: **John Tufigno v. Joseph Micallef noe**, deciza fis-26 ta' Novembru 1954.
[26] Ara wkoll xhieda ta' Michael Meli Bugeja tat-8 ta' Novembru 2018.

VAT)[27] stabbilita fir-rapport tal-Perit Mark Arrigo kwantu r-riparazzjoni tal-hsara fil-madum, certament ma tirrapprezentax it-telf rizarcibbli jew id-danni attwalment sofferti mill-konvenut li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-kjamat fil-kawza.

Kif gia` stabbilit, jirrizulta illi huma biss hamsa jew sitta il-madumiet li garrbu l-hsara u konsegwentement, applikata l-opinjoni esperta *ex parte* tal-Perit Mark Arrigo dwar il-valur tal-materjal u xoghol mehtieg ghar-rimpjazzament ta' dawn l-istess madumiet, il-Qorti qieghda tikkwantifika d-danni rizarcibbli lill-konvenut kwantu ghall-hsara fil-madum, fis-somma ta' €354[28].

Ikkunsidrat;

B'zieda ma' dan, huwa dovut ukoll lill-konvenut ammont ulterjuri rapprezentanti l-ispejjez tat-tiswija tal-hsara kkagunata fix-xambrella tal-injam fil-fond tal-konvenut, liema spejjez gew kwantifikati fir-rapport tal-Perit Mark Arrigo fis-somma ta' €100 (minghajr VAT). Billi din l-istima ma jidhrix li giet kuntrastata, il-Qorti sejra taddottaha u tikkwantifika l-ispejjez tat-tiswija tal-hsara kkagunata fix-xambrella tal-bieb tal-konvenut, fis-somma ta' €118.00.

Ghaldaqstant, id-danni risarcibbli li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-kjamat fil-kawza, qed jigu kwantifikati fis-somma komplessiva ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro (€472).

Minn dan kollu jsegwi illi filwaqt illi t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut jirrizulta li hija misthoqqa u sejra tintlaqa' fil-konfront limitatament tal-kjamat fil-kawza, hija fondata wkoll ir-Risposta tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, kif ukoll it-tielet eccezzjoni fir-Risposta tal-kjamat fil-kawza.

---

[27] Stima koncernanti l-madum, mhux inkluz l-istima dwar il-hsara fil-bieb.
[28] Xhieda tal-Perit Mark Arrigo, 27 ta' Settembru 2017.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**Kwantu ghat-talba principali, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza kwantu diretti fil-konfront tas-socjeta` attrici, tilqa' t-talba tal-istess socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut Cleaven Ray Mizzi jhallasha s-somma ta' tliet elef sitt mija u wiehed u disghin Euro u erba' centezmi (€3,691.04) rapprezentanti prezz ta' pellet stove u l-accessorji relattivi mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut, bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mis-17 ta' Gunju 2015.**

**Kwantu ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Cleaven Ray Mizzi, tichadha *in toto* kwantu diretta fil-konfront tas-socjeta` attrici izda tilqaghha limitatament fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, u filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Chris Grima u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet minnu sollevati safejn m'humiex kompatibbli ma' dak hawn deciz, tikkundanna lill-istess kjamat fil-kawza Chris Grima sabiex ihallas lill-konvenut is-somma komplessiva ta' erba' mija u tnejn u sebghin Euro (€472.00), bl-imghax mit-18 ta' Marzu 2016 ossia d-data tan-notifika tal-istess kjamat fil-kawza bl-atti tal-kawza.**

**L-ispejjez tat-talba principali jithallsu kollha mill-konvenut Cleaven-Ray Mizzi, filwaqt illi l-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-kjamat fil-kawza u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**